10 ta' Frar, 1951.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Il-Pulizija *versus* George Vigo**

**Vjolazzjoni ta' Proprjetà — Kartelluni — Art. 354 (d) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Min iqatta' jew jiddistruġġi kartelluni ta' ħadd ieħor, li jkunu mwaħħlin mal-ħajt f'post riżervat għalihom, bi preġudizzju ta' sid dawk il-kartelluni, huwa ħati ta' vjolazzjoni tal-proprjetà ta' ħadd ieħor.*

*Lil min jirrendi ruħu ħati ta' din il-kontravvenzjoni xejn ma jiswa li huwa jallega li dawk il-kartelluni ma għandhomx ir-rekwiżiti li trid il-liġi għall-legalità tagħhom : għax ebda ċittadin privat ma*

*jista' jieħu l-liġi f'idejh u jiddeċidi huwa "marte proprio" x'inhuwa u m'huwiex skond il-liġi, u jeżegwixxi forzatament id-deċiżjoni privata tiegħu billi jiddistruġġi dawk il-kartelluni li ħadd ieħor ikun qiegħed iżomm imwaħħlin f'post riżervat għalihom. U dan lanqas jekk fil-fehma tiegħu dawk il-posters ikunu joffendu l-modestja u d-deċenza.*

Il-Qorti, — Fuq l-akkuża tal-Pulizija kontra l-imputat talli l-Belt, f'dawn l-aħħar ġranet ta' qabel it-taħrika, f'dati differenti, għamel vjolazzjoni fuq proprjetà, billi qatta posters imwaħħlin fuq 'boards' miżmuma minn Philip Falzon u a preġudizzju ta' l-istess, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tal-11 ta' Ottubru 1950, sabet l-imputat ħati, u wara li rat l-art. 354 (d) tal-Liġijiet Kriminali, ikkundannatu £1 ammenda;

L-imputat appella kontra dik is-sentenza quddiem dina l-Qorti;

Il-Qorti, wara li rat l-attijiet tal-kawża u semgħet l-avukat ta' l-appellant u l-Avukat tal-Kuruna, ikkunsidrat;

L-appellant ammetta li qatta' posters imwaħħlin fuq il-ħajt ħdejn Kingsgate, il-Belt. Iżda jippretendi li b'daqshekk ma kiser ebda liġi kriminali, u lanqas ivvjola l-proprjetà. Dawk il-posters kienu mwaħħlin fuq tabelli miżmuma minn Filippo Falzon, u t-tqattigħ sar bi preġudizzju ta' l-istess Filippo Falzon, skond kif stqarr l-appellant fil-verbal tas-27 ta' Settembru 1950;

Skond l-art. 354 (d) tal-Kodiċi Kriminali, huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-proprjetà kull min, bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, jagħmel vjolazzjoni kontra l-proprjetà ta' ħadd ieħor mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dak l-artikolu u lanqas band'oħra f'dak il-Kodiċi; u għalhekk bit-tqattigħ tal-posters fuq imsemmija l-appellant kiser preċiżament id-dispożizzjoni ta' l-artikolu fuq imsemmi. Xejn ma jiswielu bħala skuża lill-appellant il-fatt minnu allegat li l-posters ma kellhomx ir-rekwiżiti li trid il-Liġi ta' l-Istampa, bħal ma hi d-data, u li, bħala mhux konformi għal-liġi, huma illegali. Dan il-fatt, jekk stess veru, ma kienx jawtorizza lill-appellant, bniedem privat, li jieħu l-liġi f'idejh u "marte proprio" jiddeċidi x'inhu u mhux kontra l-liġi, u jeżegwixxi

forzatament id-deċiżjoni privata tiegħu billi jiddistruġġi posters ta' ħadd ieħor esposti f'post riżervat għalihom;

Dina l-Qorti kellha okkażjoni tikkunsidra bħala ħati, u tikkundanna taħt l-art. 354 (d) fuq imsemmi, anki lil min iddistruġġa karteliuni li fil-fehma tiegħu kienu joffendu l-modestja u d-deċenza (ara sentenza Appell Kriminali tad-19 ta' Diċembru 1936 in re "Pulizija vs. Carmelo Callus", Koll. Vol. XXIX—IV—615);

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell ta' l-imputat u tikkonferma s-sentenza appellata.